**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**

**Zouhir Elfezqa**

Kump Nru: 49/2016

Illum 7 ta' Dicembru 2018

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Zouhir Elfezqa** detentur ta' passaport Libjan bin-numru 699608

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2016 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (8.30a.m), gewwa Swieqi:

1. Dolozament bil-hsieb li joqtol lil Wadea Al Maghrbi jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Wadea Al Maghrbi kif iccertifikat minn Dr J. Joslin MD, ta' l-isptar Mater Dei, liema offiza gravi giet maghmula b'arma regulari jew bi strument li jaqta' jew iniggez;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni taghha.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214 u 218(1)(a)(2) tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(c)(d) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat originarjament tressaq bl-attentat ta' qtil ta' Wadea Al Maghrbi fit-30 ta' Jannar 2016, li kkaguna offiza gravi fuq l-istess persuna u li kellu arma regolari jew imitazzjoni waqt il-kommissjoni tar-reat.

Madankollu permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-ewwel imputazzjoni twaqqghet u ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni.

Illi fit-30 ta' Jannar 2016 ghall-habta tat-8.15a.m irrapporta gewwa l-Ghassa ta' San Giljan Mohammed Arara fejn dan qal li kienu dahlu xi persuni fil-flat taghhom b'sikkina u attakkaw lil siehbu[1]. PS 1540 Edmond Fenech u PC 345 Mark Cremona marru flimkien ma' Mohamed Arara fuq il-post fejn fi triqithom gew infurmati b'telefonata mill-control room li gewwa Triq il-Keffa, Swieqi kien hemm ragel mitluq fl-art mimli demm. Hekk kif il-pulizija waslu fi Triq il-Keffa, Swieqi Mohamed Arara rrimarka li hdejn il-persuna mitluqa fl-art kien hemm persuna ta' nazjonalita' Libjana ohra u sahaq li kien wiehed mill-persuni li dahal fid-dar taghhom. B'hekk dan il-persuna gie arrestat u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u nstabghet sikkina mdaqqsa. Mohamed Arara gharaf ukoll lil persuna li kienet mimlija kollha demm fl-art u sahaq li kien jismu Wadea li ttiehed l-isptar permezz ta' ambulanza. Fejn instab Wadea Al Maghrbi kien

[1] Dok ZE 4 a fol 12 tal-process

hemm ammont kbir ta' demm u ghalhekk inghalqet it-triq u gie nfurmat l-Ispettur Elton Taliana billi Wadea Al Maghrbi kien fil-periklu tal-mewt. PS 1340 tal-Iskwadra tar-Rapid Intervention Unit beda miexi mat-ticpis tad-demm sabiex jara minn fejn seta' beda dan l-argument u fil-fatt gie nnutat li d-demm kien jibda minn gewwa l-appartament Nadia Buildings, Flat 1, Triq is-Sidra, Swieqi fejn joqghod l-istess Mohamed Arara. Dan tal-ahhar spjega li mieghu kien ighix ukoll Zouhir Elfezqa. Il-Pulizija ppruvat taghmel kuntatt ma' Zouhir Elfezqa izda dan ma kellux mowbajl fuqu. Wara ftit minuti, Zouhir Elfezqa cempel lil Mohamed Arara u qallu li kien qieghed ghand habib taghhom fi Triq il-Molletta, Swieqi. B'hekk il-pulizija marru f'dan l-indirizz u sabu lil Zouhir Elfezqa li kien ukoll midrub. B'hekk l-erba' persuni msemmija gew kollha mizmuma mill-pulizija ghall-aktar investigazzjonijiet[2]. L-Ispettur Taliana cempel lill-Magistrat tal-Ghassa li fethet Inkjesta Magisterjali.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat kien ighix fl-appartament Flt 1, Triq is-Sidra, Swieqi flimkien ma' habib tieghu certu Mohamed Arara. Fit-30 ta' Jannar 2016 filghodu l-imputat kien ghadu fl-appartament fejn ighix meta Wadea Al Mahgrbi u siehbu Mohammed Abdul Hafid Abukem marru jhabbtu fl-istess appartament u zewg persuni ossija Wadea Al Maghrbi u l-istess imputat sfaw midruba.

**Mohamed Arara**[3] xehed li fit-30 ta' Jannar 2016 huwa u siehbu Zouhir Elfezqa kienu reqdin fl-appartament fi Triq is-sidra, Blokk Nadia, Flat 1. Ix-xhud kien rieqed fil-living room u l-imputat kien rieqed fil-kamra tas-sodda tieghu. Ghall-habta tas-7a.m/7.30a.m Mohamed Abdul Hafid Abukem u Wadea Al Maghrbi habtu l-bieb. Ix-xhud ighid li fetah il-bieb u dawn ma kelmuhx. Wadea kellu qisu tubu iebes u kellu mus. Wadea dahal gewwa d-dar. Zouhir Elfezqa kien rieqed u Wadea mar fuqu u tah daqqa bil-pajp fuq ras Zouhir u Wadea qabad lil Zouhir Elfezqa u garru ghal-living room. Wadea kien qieghed ighid b'ton irrabjat lil Zouhir li huwa kien jaf li l-imputat qieghed jahdem mal-pulizija fil-Libja. Mohamed kellu mus f'idejh izda in ezami qal li ma rax x'Mohamed ghamel ghaliex ix-xhud hareg barra u mar l-Ghassa. Waqt ix-xhieda tieghu dan ix-xhud gie dikjarat xhud ostili u dan billi qabel ix-xhieda tieghu allegatament gie intimidat minn familjar ta' Mohamed Abdul Hafid Abukem li qallu biex johrog lil huh mill-istorja. Infatti giet moqrija l-istqarrija rilaxxjata minnu, li huwa kkonferma, li minnha jirrizulta li Mohamed Abdul Hafid Abukem kellu mus u Wadea Al Mahgrbi kellu pajp tal-hadid u baqghu dehlin direttament fuq is-sodda tal-imputat fejn kien rieqed. Ix-xhud baqa' hdejn il-bieb izda ra kollox ghaliex il-kamra tas-sodda qeghda faccata tal-bieb ta' barra. Dawn iz-zewg

[2] Xhieda tal-Ispetturi James Grech u Elton Taliana fis-seduta tas-17 ta' Frar 2016; u ta' Pc 345 Mark Cremona, Pc 173 Jonathan Agius li kien il-kuntistabbli li wara li ghamel tfittxija fuq Mohamed Abdul Hafid Abukem sablu sikkina mal-pexxun isfel fiz-zarbun. Din giet elevata u mghoddija lill-Pulizija tad-distrett. Ps 1349 Ranier Agius fix-xhieda tieghu wkoll kkonferma l-istess avvenimenti. Dawn tal-ahhar xehdu fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016

[3] Seduta tat-8 ta' Frar 2016

persuni qajmu lil Zouhir mis-sodda billi qabduh minn spallejh u haduh barra fis-salott. Wadea Al Mahgrbi ta lil Zouhir Elfezqa daqqa ta' pajp tal-hadid go rasu minn wara u t-tnejn komplew ituh. Ix-xhud ipprova jistaqsihom x'kien qieghed jigri izda lilu ma kellmuhx u waqt li kienu qeghdin isawtu lill-imputat bdew ighidulu li huwa kien mar jahdem ma' dawk in-nies. Huwa imbaghad mar lejn l-ghassa ta' San Giljan. Huwa kien jafhom lil Wadea u lil Mohammed minn qabel. In kontro-ezami kkonferma li Wadea u Mohamed habtu l-bieb bis-sahha u haseb li kienu fis-sakra. Lilu ma kellmuhx u marru dritt biex isibu lil Zouhir. Wadea kellu tubu f'idu u qisu mus mac-cintorin. Mohamed kellu sikkina. Zouhir gie mkaxkar minnhom fil-living room. Ra lil Mohamed jaghti daqqa ta' harta lil Zouhir waqt li kellu l-mus f'idu l-ohra. Zouhir kien qieghed jiddefendi ruhu. Zouhir baqa' bil-wieqfa u beda jipprova jilqa' b'idejh. Huwa ma rax lil Zouhir iwegga' lit-tnejn l-ohra. Huwa kkonferma li l-mus li sabu l-pulizija huwa l-istess mus li huwa raha meta Mohamed dahal fil-flat.

**L-Ispettur James Grech**[4] xehed kif il-pulizija gew mgharrfa b'dak li gara. Huwa flimkien mal-Ispettur Elton Taliana kellmu lil dawk kollha involuti hlief lil Wadea Al Maghrbi billi kien qieghed jigi operat. Huwa tkellem l-ewwel ma' Mohamed Arara li kien xhud okulari. Huwa qallu li kien rieqed fil-flat fuq sodda fis-salott filwaqt li l-imputat kien raqad fil-kamra tieghu. Ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu habbat il-bieb u huwa fetah u sab lil Mohamed Abdul Hafid Abukem u Wadea Al Maghrbi li kienu armati b'pajp u b'sikkina. Lilu ma kellmuhx u baqghu dehlin gewwa. Wadea Al Maghrbi ta daqqa ta' pajp lill-imputat li kien ghadu rieqed go rasu, kaxkru minn hwejgu ghal gos-salott fejn hemmhekk kompla jhebb ghalih flimkien ma' Mohamed Abdul Hafid Abukem. Kif ra dan kollu Mohamed Arara beza' u telaq jigri biex imur l-Ghassa ta' San Giljan. Irrizulta li l-erba' persuni nvoluti kienu jafu lil xulxin minn qabel u kienu hbieb u ghal dak li gara Arara ma kellux spjegazzjoni hlief li zied ighid li kif dahlu gor-residenza xammhom riha t'alkohol qawwija. Dawn l-erba' persuni rrilaxxjaw stqarrija taghhom.

**Dr Mario Scerri** ipprezenta r-rapport tieghu[5] li minnu jirrizulta li l-espert nominat fl-inkjesta ezamina kemm lil Wadea Al Maghrbi kif ukoll lil Zouhir Elfezqa. Inkwantu ghal Wadea Al Maghrbi l-espert ikkonkluda li *"Il-lezjoni deskritta fuq l-aspett laterali tal-parti tan-nofs (middle one-third) tar-rigel tax-xellug ta' Wadea Al Maghrbi kienet lezjoni maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u peress illi din il-lezjoni kienet aktar fonda milli wiesgha din tigi klassifikata bhala stab wound. Din il-lezjoni kkagunat incizjoni fil-muskolu u transaction tal-profunda femoris li hija kondizzjoni gravi tant illi Wadea Al Maghrbi seta' tilef hafna demm bil-konsegwenza li dan seta' jmut"*[6]. Dr Scerri ezamina lil Wadea Al Maghrbi fil-5 ta' Jannar 2017 u huwa pprezenta r-rapport

[4] Seduta tas-17 ta' Frar 2016
[55] Dok MS fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016
[6] Xehed ukoll il-Kirurgu Kevin Cassar li opera lil Wadea Al Magrbi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016

tieghu fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2017. Huwa kkonkluda li l-intervent kirurgiku rnexxa kompletament u l-hsara li saret ma kienx hemm konsegwenzi ghaliha la fl-ghamla u lanqas fil-funzjoni. Wadea Al Magrhbi jsostni li jkollu ugigh izda din jista' jkun li hija fibrosis u hemm cans li mhiex permanenti.

Inkwantu ghal Zouhir Elfezqa, il-lacerazzjoni deskritta fuq il-geddum kienet kompatibbli ma' blunt trauma. It-tlett abrazzjonijiet fuq ir-rigel tal-lemin kienu abrazjonijiet maghmula minn strument bil-ponta u huma ta' natura hafifa. Dik fuq il-geddum tista' tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc.

Illi inkwantu ghas-sikkina ezebita, saru l-ezamijiet fuqha ghall-impronti dig[7]itali mill-espert Joseph Mallia li fir-rapport tieghu jirrizulta li dawn l-impronti huma neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk mhumiex tajbin ai fini ta' ezamijiet komparattivi ulterjuri.

L-imputat **Zouhir Elfezqa** xehed[8] li waqt li kien qieghed rieqed fil-kamra tieghu (li fiha joqghod wahdu), Mohamed Arara kien rieqed fuq is-sufan fil-kamra ta' barra. Habbat xi hadd u f'daqqa wahda wiehed ossija Wadea tah daqqa ta' hadida fuq rasu u qabdu mill-flokk, gibdu ghan-nofs tad-dar fejn hemm is-sufan. Wadea beda jghidlu li huma kienu qabdu lil huh fil-Libya u li huwa kien parti min-nies li kienu qed jikkawzaw il-problemi. Ix-xhud qal li ma jafx ghalfejn Wadea beda jghidlu hekk. L-imputat qal li ma kien hemm l-ebda divergenzi ma' hu Wadea jew xi hadd mill-familja tieghu. Imbaghad Wadea tah daqqa bil-hadida fuq geddumu. Imbaghad hareg is-sikkina u bdew jissieltu u l-imputat jixhed li huwa kien qieghed jipprova jiddefendi lilu nnifsu. Waqghu fuq xulxin u meta ra d-demm imbotta lill-iehor. Mohamed Arara hareg. Apparti Wadea Al Maghrbi kien hemm ukoll Mohamed Abdul Hafid Abukem li kien qieghed jigi mizmum minn Mohamed Arara. Huwa wkoll beda jsemmi lil xi kuginuh. Huwa qal li kien hemm zewgt iskieken involuti. Huwa qal ukoll li kien ovvju li Wadea u Mohamed Abukem kienu fis-sakra. Huwa qal li qatt ma kellu problem maghhom u kienu hbieb qabel dan l-incident. In kontro-ezami huwa spjega li waqt li kien qieghed jissielet ma' Wadea waqghu fuq xulxin. Is-sikkina kienet f'idejn Wadea. L-imputat ukoll hareg jigri u mar ghand habib tieghu.

Fix-xhieda tieghu **Mohamed Abdul Hafid Abukem**[9] xehed li dakinhar tal-incident huwa u Wadea Al Maghrbi kienu f'post qeghdin jiehdu gost u huma u sejrin lura x-xhud ried jixtri pakkett sigaretti. Wadea mexa ftit 'il quddiem. Meta wasal fejn Wadea xi hadd mill-gallarija, imma huwa ma rax ezatt min, jew Zouhir Elfezqa jew Mohamed Arara mir-residenza taghhom jitkellmu ma' Wadea. Meta waslu fejn il-bieb ta' barra tar-residenza tal-imputat Zouhir u Wadea qabdu lil xulxin u bdew jiggieldu. Qal li ma jiftakarx aktar.

---

[7] Dok JM a fol 387 tal-process

[8] Seduta tat-18 ta' Lulju 2016

[9] Seduta tal-15 ta' Marzu 2018

**Wadea Al Maghrbi** fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 iddikjara li huwa ma kienx se jixhed.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn il-proceduri giet ezebita l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Minn tali stqarrija jirrizulta li l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel l-interrogatorju u huwa ezercita dan id-dritt. Biss pero', anki ghaliex f'dak iz-zmien fil-ligi ma kienx jezisti d-dritt li imputat seta' jaghzel li jkollu avukat tal-ghazla tieghu waqt l-interrogatorju, l-imputat ma kellux avukat waqt li kienet qeghda tittiehed l-istqarrija tieghu.

Ghalhekk f'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandha tigi skartata u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti mhux kontestat li Wadea Al Maghrbi safa' ferut u kien operat l-isptar u sofra griehi ta' natura gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Dan irrizulta ampjament ippruvat kemm mix-xhieda tal-Kirurgu Kevin Cassar u mix-xhieda tal-espert nominat Dr Mario Scerri.

Il-Kwistjoni ghalhekk li jehtieg li tigi determinata hija jekk l-imputat ghandux iwiegeb kriminalment ghal griehi li sofra Wadea Al Maghrbi kif gie akkuzat.

Illi l-imputat, sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, dejjem sostna li huwa agixxa unikament biex jiddefendi lilu nnifsu u xejn aktar. Ghalhekk f'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghal x'inhuma r-rekwiziti sabiex id-difiza ta' legittima difiza tirnexxi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[10] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun*

[10] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi abbazi tar-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-imputat hija ferm aktar kredibbli u verosimili. Fl-ewwel lok ix-xhieda tieghu

giet korroborata mix-xhieda ta' Mohamed Arara li f'dan il-kaz ma kellu l-ebda involvement f'dak li gara izda kien xhud okulari. Fit-tieni lok minn dak li rrizulta anki mir-ritratti mehuda mis-scene of crime officers li huma prezentati in atti huwa evidenti li Wadea Al Maghrbi u Mohamed Abdul Hafid Abukem dahlu fir-residenza fejn kienu joqoghdu l-imputat u Mohamed Arara u mhux sempliciment qaghdu fil-bieb ta' barra. Dan huwa evidenti mid-demm li nstab fil-living room tal-istess appartament. Fit-tielet lok l-imputat kien rieqed f'kamartu w allura ma kien hemm l-ebda argument li seta' gie pprovokat min-naha tieghu. Tant huwa hekk li lanqas ma rrizulta li qatt kien hemm xi argumenti bejn il-partijiet qabel dan l-episodju. Izda rrizulta li din l-aggressjoni sehhet minhabba s-sitwazzjoni li kienet tezisti fil-Libya partikolarment b'referenza ghall-familjari tal-partijiet. Fir-raba' lok rrizulta li Wadea Al Maghrbi u Mohamed Abdul Hafid Abukem (li l-proceduri fil-konfront tieghu huma decizi wara ammissjoni) kellhom fuqhom armi, sikkina kull wiehed u Wadea Al Maghrbi pajp iebes. Fil-hames lok il-griehi sofferti mill-imputat huma kompatibbli mal-versjoni li ta huwa ossija li qala' daqqa fuq rasu meta kien fis-sodda imbaghad l-aggressjoni kompliet fil-living room. Fis-sitt lok, tqis li l-imputat ipprova sal-grad tal-probabbli li Wadea Al Mahgrbi safa' ferut waqt il-kommossjoni li kienet ghaddejja bejniethom u waqt li l-imputat kien qieghed jipprova jzomm id Wadea Al Maghrbi huwa lwilu idu u ferixxa lill-istess Wadea Al Maghrbi li sofra din l-uniku gerha.

Abbazi tal-insenjamenti fuq riportati din il-Qorti tqis li fil-kaz odjern il-provi mressqa jwasslu ghall-konkluzjoni li l-imputat kien rinfaccjat b'perikolu li kien attwali, istantanju u assolut. Irrizulta li huwa kien rieqed, ghall-affari tieghu, u Wadea Al Maghrbi flimkien ma' siehbu ddecidew li jmorru fir-residenza li kien qieghed ighix fiha l-imputat biex jaggreduh. Certament li meta gie rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn Wadea Al Mahgrbi kien qieghed jipprova jodorbu b'sikkina l-imputat kien qieghed jirragga mieghu biex jiddefendi lilu nnifsu. B'hekk waqt li kienu qeghdin jissieltu Wadea Al Maghrbi ntlaqghat possibilment mill-imputat u ndarab. Is-sikkina ddahlet fid-dar mill-istess Wadea Al Maghrbi. L-imputat ma setax f'dak il-hin jevita l-perikolu li gie rinfaccjat bih ossija l-periklu imminenti ghal hajtu.

Ghalhekk anki in vista ta' tali konkluzjoni ghandu jsewgi li l-imputat m'ghandux jinstab hati lanqas tat-tielet imputazzjoni fic-citazzjoni billi huwa ma wettaq l-ebda reat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-

imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu billi huwa agixxa in legittima difesa u ghalhekk tilliberah mill-istess.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**